MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Numru. 569/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**CESAR OJEDA BUSTO**

**Seduta ta' llum 2 ta' Mejju, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CESAR OJEDA BUSTO** ta' tnejn u ghoxrin sena, iben Fransisco Javier Busto Maistre u Dolores Ojeda, imwieled Spanja nhar il-5 ta' Frar, 1989, u residenti gewwa Kamra 231, Seabank Hotel, Triq il-Marfa,

Mellieha, detentur tal-passaport Spanjol numru AAD024387 tressaq quddiemha akkuzat talli:

i. Nhar l-1 ta' Mejju, 2011 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar, minn gwwa Seabank Hotel ta' Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Nokia mudell 7230, liema serq huwa aggravat bil-valur u li sar ghad-dannu ta' Gordon Genovese mill-Qrendi u/jew persuni ohra.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti w cioe' Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali, stqarrija moghtija mill-imputat u l-passaport tieghu animo ritirandi.

Rat li l-imputat ma jitkellimx bil-lingwa Maltija w li ma fehmx dak li kien qed jigri, w ghalhekk innominat bhala interpretu lil Tania Ellul Licari sabiex tassistih tul din is-seduta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum, tnejn ta' Mejju 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum tnejn ta' Mejju, 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li r-res furtiva kienet giet ritornata w li setghet tinghata lura lil sidha legittimu, kif ukoll li l-imputat ikkopera maghha tul l-investigazzjoni.

Semghet lill-Parte Civile Gordon Genovese jiddikjara ma kellu l-ebeda pretensjoni ulterjuri kontra l-imputat w li kien sodisfatt, u dan meta gie ritornat lilu il-*mobile phone* in kwistjoni seduta stante.

Rat illi dak li nsteraq kellu valur *de minimis*.

Rat illi l-imputat kellu fedina penali netta u ghalhekk kellu jigi trattat bhala '*a first time offender'*.

Illi ghalhekk il-Qorti **wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** tiddikjara li ssib lill-imputat **CESAR OJEDA BUSTO hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni w kif minnu ammessi w tiddeciedi li tilliberah bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.(Conditional Discharge).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------